KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

**LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 97 (kontinwazzjoni tta' seduti 95/96)**

Is-seba' u disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 15 ta' April 2019 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier *(daħal 18.31)* |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | | |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Dep. Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet fis-18.26 b'din l-Agenda:*

*97.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*97.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*97.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*97.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*97.5 Rapporti;*
97.6 *Proġett ta' car park Triq it-Torri*
*97.8 Villa Schinaz – Proposal for New Council Office*
*97.9 Tindif tat-Toroq*
97.10 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*97.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*97.12 Mozzjonijiet ;*
*97.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 97.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

97.1.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa b'ittri t'apoloġiji tal-Kunsilliera M. Briguglio, V. Galea Pace u K. Busietta. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

## 97.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

97.2.1 Diskussa fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019

## 97.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

97.3.1 Diskussa fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019

## 97.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

97.4.1 Diskussa fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019

## 97.5 RAPPORTI

97.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 97.6 PROĠETT TA' CAR PARK

97.6.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-*carpark* u fakkar li dan il-proġett kemm il-darba ġie diskuss fil-Kunsill u kulħadd kien infurmat bih, saħansittra kien hemm anke prezentazzjoni mil-perit tal-Kunsill. Is-Sindku nnota li l-impressjoni li ngħatat meta ġie ppubblikat fil-media soċjali qisu li l-Kunsill ma kien jaf xejn. Il-Kunsill irid ikun car li l-proġett se jkun jikkonsisti fi *Playing Field at street level* u l-*car park* taħt. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-parkeġġ jintuz biss mill-karozzi elettriċi, kif ukoll li jkun hemm perċentwal ta' parkeġġ għar-residenti biss. Ma kienx hemm qbil fuq dan il-punt.

97.6.2 Kien hemm qbil li jridu jiġu preparati studji finanzjarji biex dan il-proġett jibda jinbena. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jasal fi qbil mal-Lands biex jingħatalna d-*devolution* tal-Playing Fields.

*Il-Kunsillier J Pillow daħal għas-seduta fis-18.31*

97.6.3 Is-Sindku irrakomanda biex il-Kunsill ikompli bil-pjan ħalli l-Kunsill ta' wara jsib l-affarijiet f'ordni li jkun jista jitkompla l-proġett.

97.6.4 Gie diskuss jekk jitpoġġewx *banners* dwar id-deskrizzjoni tal-proġett. Kien hemm qbil li l-*banners* ma jitpoġġewx għalissa u dawn jitwaħħlu ftit ġimgħat qabel ix-xogħol jibda jsir. Kien hemm qbil li għalissa dan il-proġett jiġi ppubblikat biss fil-media soċjali u fil-magazine.

## 97.7 PUBLIC CONVENIENCE – THE STRAND

97.7.1 Kien hemm qbil li tiġi ċċirkulata l-vizzjoni/pjanta lill-Kunsilliera kollha ta' kif se jkun dan il-proġett. Dan il-proġett se jiġi *refunded* mil-UDF.

## 97.8 VILLA SCHINAS – PROPOSAL FOR NEW COUNCIL OFFICE

97.8.1 Is-Sindku informa li ltaqa mal-perit dwar studju tal-bini. Dan il-bini huwa jsejjaħ lill-knisja. Il-Kunsill għadu ma ħa l-ebda *commitment* imma qiegħed jara l-possibilta li jkun parteċipi d'dan il-proġett fejn f'din il-binja ikun hemm l-uffiċċju tal-Kunsill flimkien mal-ARTS Council. Se jkun qiegħed jiġi preparat draft *Memorandum of Understanding.* Is-Sindku pprezenta l-pjanti lill-Kunsilliera waqt is-

seduta.

97.8.2 Fuq dan il-punt il-Kunsillier P. Radmilli reġa rrefera għall-proġett tal-*car park* li għadu kif ġie diskuss, fejn qal li jaqbel li ssir BOQ biex il-kunsill ikun jaf il-pozizzjoni finanzjarja u kemm se jkun jifdal mil-budget biex jara l-Kunsill jistax ikun parteċipi f' dan il-proġett ta' Villa Schinaz min-naħa finanzjarja. Il-kunsillier Radmilli jaqbel ukoll li l-avukat għandu jagħmel riċerka minħabba l-eredi. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-perit jibgħat BOQ u jkollna idea tal-ammonti tal-proġetti kollha. Is-Sindku qal illi għandna naraw x'jgħid il-kuntratt tal-perit.

**97.9 TINDIF TAT-TOROQ**

97.9.1 Is-Sindku informa li mill-aħħar seduta l-Kunsill iltaqa mal-kuntratturi. Uħud mill-kunsilliera innotaw li sar ftit tal-progress. Ġie nnotat li *cigarette bins* iridu jitbgħatlu wkoll.

*Il-Kunsillier D. Muscat ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.42*

97.9.2 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera biex min irid wara l-festi tal-Ghid jiltaqgħu sabiex jiġi diskuss il-progress.

**97.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

97.10.1 Is-Sindku pprezenta stima ta' xogħol mil-Works għal xogħol li jrid isir fi Gnien Indipendenza. Is-Sindku informa li wara l-Kunsill irċieva ittra li l-ħaddiema tal-works m'għandhomx ċans li jiġu jagħmlu l-manutenzjoni li hemm bzonn. Il-Kunsill għandu jġib stimi oħra ta' xogħlijiet ta' l-aktar perikoluzi.

97.10.2 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ta' *tracking device* tal-kenniesa. Il-Kunsill talab li jinġibu aktar kwotazzjonjiet.

97.10.3 Is-Sindku informa li l-Kunsill għadu kontinwament jirċievi rapporti dwar ħsarat fit-*tyres* minħabba l-kundizzjonijiet tat-toroq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jittrata kull kaz għalih fejn l-individwu jitolbu: rapport ta' pulizija, ritratti, riċevuti u Affidavit (minn Commissioner of Oaths)

97.10.4 Gie nnotat li l-*contracts manager* irid jagħmel spezzjonijiet ukoll fuq

il-kostruzzjoni u mhux imur biss meta l-Kunsill ikollu rapport. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv għandu jara l-kuntratt ezatt. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv issuġġerixxa li bl-ammont ta' xogħol u kostruzzjoni li hawn , il-Kunsill għandu jkollu *operations manager* fuq kostruzzjoni biss.

97.10.5 Id-Deputat Segretarju Ezekutiv ressaq talba tas-Segretarju Ezekuttiv preċedenti dwar il-*performance bonus* (għax xhur Jannar sa Marzu 2019). Kien hemm diskussjoni sħiħa jekk għandux jingħata jew le. Mhux il-Kunsill kollu qabel dwar dan. Madankollu l-Kunsillier M. Aquilina ma qablitx mal-kumplament tal-Kunsilliera u taqbel li għandu jingħata l-full kif dejjem ġie ingħatat lill-istaff kollu. Il-Kunsilliera Aquilina ziedet tgħid ukoll li dejjem għamel xogħlu sew. Is-Sindku ma sab l-ebda oġġezzjoni l-anqas li jingħata. Wara diskussjoni sħiħa kien hemm qbil li jingħata 6%.

97.10.6 Kien hemm qbil li item dwar *Bye Laws* jiġu diskussi fl-Agenda li jmiss. Il-Kunsillier P. Radmilli flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv għandhom jiltaqgħu dwar dan.

## 97.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

97.11. Dawn ġew approvati fis-seduta ta' 28 ta' Marzu 2019

## 97.12 MOZZJONIJIET

97.12.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

## 97.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

97.13.1 Is-seduta ntemmet fl-21.05 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2019 fis-6pm.

Minuti approvati llum 6 ta' Meju 2019

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Dep. Segretarju Eżekuttiv** |